

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/101/PESK
tal-15 ta' Frar 2011
dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe
(ĠU L 42, 16.2.2011, p. 6)

Kkoreġuta minn:

► C1 Emendi, Ġ.U. L 100, 14.4.2011, p. 74 (2011/101/PESK)



DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/101/PESK

tal-15 ta' Frar 2011

dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-19 ta' Frar 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK li ġġedded miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe ⁽¹⁾.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/92/PESK ⁽²⁾, adottata fil-15 ta' Frar 2010, estendiet il-miżuri restrittivi previsti fil-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK sal-20 ta' Frar 2011.
- (3) Abbażi ta' rieżami tal-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK, il-miżuri restrittivi għandhom jiġġeddu sal-20 ta' Frar 2012.
- (4) Madankollu, m'għadx hemm raġunijiet biex ċerti persuni jinżammu fil-lista ta' persuni u entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fil-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK.
- (5) Il-miżuri implimentattivi tal-Unjoni huma mniżżlin fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 tad-19 ta' Frar 2004 dwar ċertu miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe ⁽³⁾,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, it-terminu “assistenza teknika” għandu jfisser kull appoġġ tekniku relatat ma' tiswija, żvilupp, fabbrikazzjoni, muntaġġ, ittestjar, manutenzjoni jew kull servizz tekniku ieħor, u jista' jiehfu forom bħal istruzzjoni, pariri, taħriġ, trasmissjoni tat-tagħrif fuq ix-xogħol jew Prattika jew servizzi ta' konsulenza; l-assistenza teknika tinkludi forom verbali ta' assistenza.

Artikolu 2

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' armi u ta' materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u partijiet ta' rikambju għal dawk imsemmijin hawn fuq, kif ukoll tagħmir li jista' jintuża għal ripressjoni interna, liż-Żimbabwe:

- (a) minn ċittadini tal-Istati Membri,
- (b) mit-territorji tal-Istati Membri, jew
- (c) bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru bil-bandiera tal-Istati Membri

⁽¹⁾ ĠU L 50, 20.2.2004, p. 66.

⁽²⁾ ĠU L 41, 16.2.2010, p. 6.

⁽³⁾ ĠU L 55, 24.2.2004, p. 1.

▼B

għandu jkun ipprojbit kemm jekk joriġinaw fit-territorji ta' l-Istati Membri u kemm jekk le.2. Għandu jkun ipprojbit:

- (a) l-għoti, il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment ta' assistenza teknika, l-għoti ta' servizzi ta' senserija u servizzi oħra li huma relatati ma' attivitajiet militari u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' armi u materjali relatati ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u partijiet ta' rikambju għal dawk imsemmijin hawn fuq, kif ukoll tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna, direttament jew indirettament lill-kwalunkwe persuna, entità jew korp fiż-Żimbabwe jew destinati li jiġu utilizzati hemmhekk;
- (b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata ma' attivitajiet militari, inklużi, b'mod partikolari, għotjiet, self u assigurazzjoni tal-kreditu fuq l-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' armi u materjali relatati, kif ukoll tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fiż-Żimbabwe jew destinati li jiġu utilizzati hemmhekk.

▼C1*Artikolu 3*

1. L-Artikolu 2 m'għandux japplika:

- (a) għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir militari li mhux letali jew ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna, maħsub biss għal użu umanitarju jew protettiv, jew għal programmi ta' bini istituzzjonali tan-NU u l-UE, jew ta' materjal maħsub għall-operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżi tal-UE u tan-NU;
- (b) għall-għoti ta' finanzjament u assistenza finanzjarja relatata ma' tali tagħmir;
- (c) l-għoti ta' assistenza teknika relatata ma' tali tagħmir,

bil-kondizzjoni li kull esportazzjoni tiegħu tkun ġiet approvata minn qabel mill-awtorità kompetenti rilevanti.

▼B

2. L-Artikolu 2 m'għandux japplika għal ilbies protettiv, inklużi għkieket rinfurzati u elmi militari, esportati temporanjament lejn iż-Żimbabwe mill-persunal tan-NU, il-persunal tal-UE jew l-Istati Membri tagħha, rappreżentanti tal-medja u l-ħaddiema umanitarji u dawk għall-iżvilupp u persunal assoċjat għall-użu personali tagħhom biss.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimpedixxu d-dħul jew it-transitu fit-territorju tagħhom tal-membri tal-Gvern taż-Żimbabwe u tal-persuni fiżiċi assoċjati magħhom, kif ukoll ta' persuni fiżiċi oħrajn li l-attivitajiet tagħhom jimminaw id-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fiż-Żimbabwe. L-individwi msemmijin f'dan il-paragrafu huma elenkati fl-Anness.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jobbliga Stat Membru li jirrifjuta d-dħul fit-territorju tiegħu liċ-ċittadini tiegħu stess.

▼ **B**

3. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru ikun marbut b'xi obbligu taħt id-dritt internazzjonali, jiġifieri:

- (a) bħala pajjiż li jospita organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;
- (b) bħala pajjiż li jospita konferenza internazzjonali mlaqqgħa min-Nazzjonijiet Uniti jew taħt il-patroċinju tagħha;
- (c) taħt xi ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet; jew
- (d) skont it-Trattat ta' Konċiljazzjoni (il-Patt tal-Lateran) konkluż fl-1929 mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

Il-Kunsill għandu jkun debitament informat f'kull wieħed minn dawn il-każijiet.

4. Il-paragrafu 3 għandu japplika wkoll fil-każijiet fejn Stat Membru jkun pajjiż li jospita l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

5. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti fil-paragrafu 1 meta l-ivvjaġġar ikun iġġustifikat għal raġunijiet umanitarji urġenti u imperattivi, jew f'każijiet eċċezzjonali għal raġuni ta' attendenza f'laqgħat intergovernattivi, inklużi dawk promossi mill-Unjoni Ewropea, fejn jiġi mmexxi djalogu politiku li jippromwovi b'mod dirett, immedjat u sinifikanti d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fiż-Żimbabwe.

6. Kull Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 5 għandu jgħarraf lill-Kunsill bil-miktub. Id-deroga għandha titqies li nġhatat ħlief jekk membru wieħed jew aktar tal-Kunsill joġġezjonaw bil-miktub fi żmien 48 siegħa mir-riċevuta tan-notifika dwar id-deroga proposta. Jekk membru wieħed jew aktar tal-Kunsill joġġezjonaw, l-eżenzjoni m'għandhiex tingħata, ħlief meta Stat Membru jixtieq jagħtiha għal raġunijiet umanitarji urġenti u imperattivi. F'dan il-każ tal-aħħar, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

7. F'każijiet fejn, skont il-paragrafi 3 sa 6, Stat Membru jawtorizza d-dħul jew it-transitu fit-territorju tiegħu ta' persuni elenkati fl-Anness, l-awtorizzazzjoni għandha tkun strettament limitata għall-fini li għalih hija ġiet mogħtija u għall-persuni kkonċernati direttament minnha.

Artikolu 5

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil membri individwali tal-Gvern taż-Żimbabwe jew lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom kollha, jew li jappartjenu lil persuna fiżika jew ġuridika oħra li l-attivitajiet tagħha ddgħajjef serjament id-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fiż-Żimbabwe, għandhom jiġu ffriżati. Il-persuni u l-entitajiet imsemmijin f'dan il-paragrafu huma elenkati fl-Anness.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi m'għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni direttament jew indirettament lil jew għall-benefiċċju tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, tal-entitajiet jew tal-korpi elenkati fl-Anness.

▼B

3. Eżenzjonijiet jistgħu jingħataw għall-fondi jew riżorsi ekonomiċi li huma:

- (a) neċessarji għal spejjeż bażiċi, inklużi pagamenti għal prodotti tal-ikel, kera jew ipoteki, mediċini u trattament mediku, taxxi, premiums tal-assigurazzjoni u servizzi pubbliċi;
- (b) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' drittijiet professjonali raġonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż li tħallsu b'rabta mal-għoti ta' servizzi legali;
- (c) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' drittijiet jew spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni normali jew mal-kustodja tal-fondi jew tar-riżorsi ekonomiċi ffriżati; jew
- (d) neċessarji għal spejjeż straordinarji.

4. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

- (a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew
- (b) ħlasijiet dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li kienu ġew konklużi jew li saru qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għal miżuri restrittivi,

bil-kondizzjoni li tali imgħax, dħul u pagamenti oħrajn jibqgħu soġġetti għall-paragrafu 1.

Artikolu 6

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jadotta modifiki għal-lista li tinsab fl-Anness kif meħtieġ mill-iżviluppi politiċi fiż-Żimbabwe.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar tagħha fil-lista, lill-persuna jew l-entità kkonċernata, direttament, jekk l-indirizz tagħha jkun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' notifika, li ttiprovdi lil dik il-persuna jew entità possibbiltà li tippreżenta osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu sottomessi osservazzjonijiet, jew fejn tiġi ppreżentata evidenza ġdida sostanzjali, il-Kunsill għandu jirrieżamina d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna jew l-entità kkonċernata kif meħtieġ.

Artikolu 7

1. L-Anness għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi u l-entitajiet fil-listi.

2. L-Anness għandu jinkludi wkoll, fejn disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati l-persuni fiżiċi u ġuridiċi jew l-entitajiet ikkonċernati. Fir-rigward tal-persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, inkluż il-pseudonimi, id-data u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità, in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-persuni ġuridiċi jew l-entitajiet, din l-informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-indirizz professjonali.

▼B

Artikolu 8

Sabiex tkabbar kemm jista' jkun l-impatt tal-miżuri msemmijin hawn fuq, l-Unjoni għandha tinkoraġġixxi Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk li jinsabu f'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 9

Il-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK hija b'dan imħassra.

Artikolu 10

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-20 ta' Frar 2012.

Għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti u għandha tiġi mġedda, jew emendata skont il-ħtieġa, jekk il-Kunsill iqis li l-għanijiet tagħha ma ntlaħqux.



ANNEX

LISTA TA' PERSUNI U ENTITAJIET IMSEMMIJIN FL-ARTIKOLI 4 U 5

I. Persuni

	Isem (u psewdonomi)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
1.	Mugabe, Robert Gabriel	President, imwieled fil-21.2.1924; Passaport AD001095.	Kap tal-Gvern u responsabbli għal attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
2.	Abu Basutu, Titus MJ	Ġeneral tal-Korpi tal-Ajru, Matebeleland South.	Direttament involut fil-kampanja ta' terror li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet.
3.	Barwe, Reuben	Ġurnalist maż-Zimbabwe Broadcasting Corporation, imwieled fid-19.3.1953; Passaport BN311374.	Ħeġġeġ il-kampanja ta' terror orkestrata mill-gvern li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet tal-2008.
4.	Bonyongwe, Happyton	Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni Ċentrali tas-Servizzi Sigrieti, imwieled fis-6.11.1960; Passaport: AD002214.	Rabtiet mal-Gvern u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni ta' politika ripressiva tal-istat.
5.	Bredenkamp, John Arnold	Kummerċjant, imwieled fil-11.8.1940; Passaporti: Pajjiżi l-Baxxi (1285143, skadut), Żimbabwe (Z01024064, Z153612), Surinam (367537C).	Kummerċjant b'rabtiet sodi mal-Gvern taż-Żimbabwe. Huwa pprovdha, inkluż permezz tal-kumpanniji tiegħu, appoġġ finanzjarju u ieħor lir-reġim (ara wkoll il-punti 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 12, 14, 18, 21, 22, 24, 25, 27, 28 fit-taqsimha II).
6.	Buka (magħrufa wkoll bħala Bhuka), Flora	Uffiċċju tal-President (ex-Ministru tal-Istat għall-Affarijiet Speċjali responsabbli għall-Programmi tal-Artijiet u r-Riokkupazzjoni, ex-Ministru tal-Istat fl-uffiċċju tal-Viċi-President u ex-Ministru tal-Istat għar-Riforma tal-Artijiet fl-Uffiċċju tal-President), imwiela fil-25.2.1968.	Ex-membru tal-Gvern u involuta f'attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
7.	Bvudzijena, Wayne	Assistent Kummissarju tal-Pulizija, Kelliem għall-Pulizija.	Membru tal-forzi tas-sigurtà u b'responsabbiltà wiesgħa għad-difiża ta' vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem.
8.	Chapfika, David	Ex-Viċi Ministru tal-Agricoltura (ex-Viċi Ministru tal-Finanzi), imwieled fis-7.4.1957.	Ex-membru tal-Gvern u involut f'attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
9.	Charamba, George	Segretarju Permanenti, Dipartiment tal-Infommazzjoni u l-Pubbliċità, imwieled fl-4.4.1963; Passaport AD002226.	Membru tal-Gvern u involut f'attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
10.	Chidarikire, Faber Edmund	Gvernatur Provinċjali għal Mashonaland West, ex-Sindku ta' Chinhoyi, imwieled fis-6.6.1946.	Rabtiet mal-Gvern.
11.	Chigudu, Tinaye	Ex-Gvernatur Provinċjali: Manicaland.	Rabtiet mal-Gvern u b'responsabbiltà wiesgħa għal vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem.
12.	Chigwedere, Aeneas Soko	Gvernatur Provinċjali: Mashonaland East, ex-Ministru, imwieled fil-25.11.1939.	Ex-membru tal-Gvern u involut f'attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.

▼ B

	Isem (u psewdonomi)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
13.	Chihota, Phineas	Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ Internazzjonali.	Membru tal-Gvern u involut fattivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
14.	Chihuri, Augustine	Kummissarju tal-Pulizija, imwieled fl-10.3.1953.	Membru tal-forzi tas-sigurtà u b'responsabbiltà wiesgħa għal vjolazzjonijiet serji tal-libertà li jsiru laqgħat paċifiċi.
15.	Chimbudzi, Alice	Membru tal-Kumitat tal-Politburo taz-ZANU (PF).	Membru tal-politburo b'rabtiet sodi mal-Gvern u mal-politika tal-Gvern.
16.	Chimedza, Paul	President tal-Assoċjazzjoni Medika taż-Zimbabwe, Tabib, imwieled fid-29.6.1967.	Impenjat fattivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
17.	Chimutengwende, Chenhamo Chekezha	Ex-Ministru tal-Istat għall-Affarijiet Pubbliċi u Interattivi (ex-Ministru tal-Infommazzjoni, ex-Ministru tal-Posta u t-Telekomunikazzjoni), imwieled fit-28.8.1943.	Ex-membru tal-Gvern u involut fattivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
18.	Chinamasa, Monica	President tal-Unjoni Nazzjonali tal-Bdiewa taż-Zimbabwe, miżżewġa lil Patrick Chinamasa, imwiolda fl-1950.	Sostenitriċi u benefiċjarja tar-reġim permezz tal-assoċjazzjoni mill-qrib ma' membru ewlieni fil-Gvern u involuta fattivitajiet li jimminaw l-istat tad-dritt.
19.	Chinamasa, Patrick Anthony	Ministru tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Legali u Parlamentari, imwieled fil-25.1.1947.	Membru tal-Gvern u involut fattivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
20.	Chindori-Chininga, Edward Takaruza	Ex-Ministru tal-Minjieri u l-Iżvilupp tal-Minjieri, imwieled fl-14.3.1955.	Ex-membru tal-Gvern u għandu rabtiet attwali mal-Gvern.
21.	Chinotimba, Joseph	Viċi-President taż-Zimbabwe National Liberation War Veterans Association, mexxej tal-milizja taż-ZANU-PF.	Impenjat fattivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, inkluż l-involvement dirett fil-kampanja ta' terror li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet.
22.	Chipanga, Tongesai Shadreck	Ex-Viċi Ministru tal-Affarijiet Interni, imwieled fl-10.10.1940.	Ex-membru tal-Gvern u għandu rabtiet attwali mal-Gvern.
23.	Chipwere, Augustine	Kurunell, Bindura South.	Direttament involut fil-kampanja ta' terror li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet.
24.	Chiremba, Mirirai	Direttur tad-Dipartiment tal-Intelligence Finanzjarja fir-Reserve Bank of Zimbabwe, imwieled fl-14.05.1962.	Rabtiet mal-Gvern u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni ta' politika ripressiva tal-istat.
25.	Chitakunye, Eliphaz	High Court of Justice.	Irrifjuta li jippermetti l-investigazzjoni tal-ħtif u t-tortura min-naħa tal-aġenti tas-sigurtà.
26.	Chiwenga, Constantine	Kmandant tal-Forzi ta' Difiża taż-Zimbabwe, General (ex-Kmandant tal-Armata, Logutenent General), imwieled fil-25.8.1956.	Membru tal-forzi tas-sigurtà u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni ta' politika ripressiva tal-istat.
27.	Chiwenga, Jocelyn	Negozjanta, imwiolda fid-19.5.1955, miżżewġa lill-General Chiwenga, Kmandant tal-Forzi tad-Difiża.	Impenjata fattivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.

▼B

	Isem (u psewdonomi)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
28.	Chiweshe, George	President, Kummissjoni Elettorali taż-Zimbabwe (Imħallef tal-Qorti Suprema u President tal-kumitat kontroversjali tad-delimitazzjoni), imwieled fl-4.6.1953.	Rabtiet mal-Gvern u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni ta' politika ripressiva tal-istat.
29.	Chiwewe, Willard	Ex-Gvernatur Provinċjali: Masvingo (ex-Segretarju Anzjan responsabbli għall-Affarijiet Speċjali fl-Uffiċċju tal-President), imwieled fid-19.3.1949.	Ex-membri tal-Gvern b'rabtiet attwali mal-Gvern u b'responsabbiltà wiesgħa għal vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem.
30.	Chombo, Ignatius Morgan Chiminya	Ministru tal-Gvernijiet Lokali, ix-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Iżvilupp Urban, imwieled fl-1.8.1952.	Membri tal-Gvern u involut f'attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
31.	Deketeke, Pikirayi	President tal-Awtorità tax-Xandir taż-Zimbabwe u Editor tal-gazzetta favur il-gvern "The Herald".	Rabtiet mal-Gvern u involut f'attivitajiet li jimminaw l-libertà tal-espressjoni u x-xandir.
32.	Dinha, Martin	Gvernatur Provinċjali għal Mashonaland Central.	Rabtiet mal-Gvern.
33.	Dube, Tshinga Judge	Kap ta' Żimbabwe Defence Industries u kandidat ta' ZANU-PF fl-elezzjonijiet parlamentari, Kurunell Irtirat, imwieled fit-3.7.1941.	Rabtiet mal-Gvern u kompliċi fil-formazzjoni jew fid-direzzjoni ta' politika tal-istat ripressiva.
34.	Goche, Nicholas Tasunungurwa	Ministru tas-Servizzi Pubbliċi, l-Impjiegi u l-Ħarsien Soċjali (ex-Ministru tal-Istat għas-Sigurtà Nazzjonali fl-Uffiċċju tal-President), imwieled fl-1.8.1946.	Membri tal-Gvern u involut f'attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
35.	Gono, Gideon	Gvernatur tar-Reserve Bank (bank ċentrali) taż-Zimbabwe, imwieled fid-29.11.59.	Rabtiet mal-Gvern u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni ta' politika ripressiva tal-istat.
36.	Gumbo, Rugare Eleck Ngidi	Ex-Ministru tal-Agricoltura (ex-Ministru tal-Iżvilupp Ekonomiku), imwieled fit-8.3.1940.	Ex-Membri tal-Gvern u involut f'attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
37.	Gurira, Cephas T.	Kurunell, Mhondoro Mubaira.	Direttament involut fil-kampanja ta' terror li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet.
38.	Gwekwerere, Stephen	Kurunell, Chinhoyi.	Direttament involut fil-kampanja ta' terror li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet.
39.	Hungwe, Josaya (magħruf ukoll bħala Josiah) Dunira	Ex-Gvernatur Provinċjali: Masvingo, imwieled fis-7.11.1935.	Rabtiet mal-Gvern u b'responsabbiltà wiesgħa għal vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem.
40.	Huni, Munyaradzi	Ġurnalist mal-gazzetta favur il-gvern "The Herald", imwieled fl-24.7.1973; Passaport: BN160327.	Ħeġġeġ il-kampanja ta' terror li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet.
41.	Kachepa, Newton	Membri Parlamentari għal Mudzi North.	Direttament involut fil-kampanja ta' terror li seħħet qabel u wara l-elezzjonijiet.
42.	Karakadzai, Mike Tichafa	Air Commadore, Harare Metropolitan Province.	Direttament involut fil-kampanja ta' terror li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet.
43.	Karimanzira, David Ishemunyoro Godi	Gvernatur Provinċjali: Harare u Segretarju għall-Finanzi tal-Politburo taż-ZANU-PF, imwieled fil-25.5.1947.	Rabtiet mal-Gvern u b'responsabbiltà wiesgħa għal vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem.

▼ B

	Isem (u psewdonomi)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
44.	Kasukuwere, Saviour	Viċi Ministru għall-Iżvilupp taż-Żgħażaġħ u l-Ħolqien tal-Impjiegi u Deputat Segretarju għall-Affarijiet taż-Żgħażaġħ tal-Politburo taż-ZANU-PF, imwieled fit-23.10.1970.	Membru tal-Gvern u involut f'attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
45.	Kazangarare, Jawet	Kunsillier taż-ZANU-PF f'Hurungwe North u veteran tal-gwerra..	Direttament involut fil-kampanja ta' terror orkestrata mill-gvern li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet.
46.	Kazembe, Joyce Laetitia	Deputat President tal-Kummissjoni Elettorali taż-Zimbabwe u President tal-Kummissjoni għall-Monitoraġġ tax-xandir taż-ZEC.	Tikkondividi r-responsabbiltà għall-elezzjonijiet frawdolenti fl-2008.
47.	Kereke, Munyaradzi	Kap Konsulent tal-Gvernatur tar-Reserve Bank of Zimbabwe, imwieled fid-29.7.1972.	Rabtiet mal-gvern u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni ta' politika ripressiva tal-istat.
48.	Khumalo, Sibangumuzi	Brigadier General, Matebeland North.	Direttament involut fil-kampanja ta' terror li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet.
49.	Kunonga, Nolbert (magħruf ukoll bħala Nobert)	Isqof Anglikan awto-proklamati.	Sostenitur voċiferuż tar-reġim. Dawk li segwewh kienu appoġġati mill-pulizija fit-twettiq ta' atti ta' vjolenza.
50.	Kwainona, Martin	Assistent Kummissarju, imwieled fid-19.1.1953; Passaport AD001073.	Direttament involut fil-kampanja ta' terror li seħħet qabel u wara l-elezzjonijiet.
51.	Kwenda, R.	Maġġur, Zaka East.	Direttament involut fil-kampanja ta' terror li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet.
52.	Langa, Andrew	Viċi Ministru tal-Ambjent u t-Turiżmu u ex-Viċi Ministru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni.	Membru tal-Gvern u involut f'attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
53.	Mabunda, Musarashana,	Assistent Kummissarju tal-Pulizija.	Membru tal-forzi tas-sigurtà u b'responsabbiltà wiesgħa għal vjolazzjonijiet serji tal-libertà li jsiru laqgħat paċifiċi.
54.	Machaya, Jason (magħruf ukoll bħala Jaison) Max Kokerai	Gvernatur Provinċjali: Midlands. Ex-Viċi Ministru għall-Minjieri u l-Iżvilupp tal-Minjieri, imwieled fit-13.6.1952.	Ex-membru tal-Gvern b'rabtiet attwali.
55.	Made, Joseph Mtakwese	Ministru tal-Istat tal-Inġinerija u l-Mekkanizzazzjoni Agrikola (ex-Ministru tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, imwieled fil-21.11.1954.	Membru tal-Gvern u involut f'attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
56.	Madzongwe, Edna (magħrufa wkoll bħala Edina)	President tas-Senat taż-ZANU-PF, imwielda fil-11.7.1943.	Membru tal-politburo u b'rabtiet sodi mal-Gvern u mal-politika tal-Gvern.
57.	Mahofa, Shuvai Ben	Ex-Viċi Ministru għall-Iżvilupp taż-Żgħażaġħ, il-Ġeneri u l-Ħolqien tal-Impjiegi, imwieled fl-4.4.1941.	Ex-membru tal-Gvern b'rabtiet attwali.
58.	Mahoso, Tafataona	President, Kummissjoni għall-Infommazzjoni tax-xandir.	Rabtiet mal-Gvern u b'responsabbiltà wiesgħa għal vjolazzjonijiet serji tal-libertà tal-espressjoni u x-xandir.
59.	Makwanya, Judith	Ġurnalista maż-Zimbabwe Broadcasting Corporation, imwieled fit-22.10.1963.	Ħeġġeġ il-kampanja ta' terror orkestrata mill-gvern li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet tal-2008.
60.	Makwavarara, Sekesai	Ex-Sindku ta' Harare.	Rabtiet mal-Gvern u b'responsabbiltà wiesgħa għal vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem.

▼B

	Isem (u psewdonomi)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
61.	Maluleke, Titus	Gvernatur Provinċjali: Masvingo (ex-Viċi Ministru tal-Edukazzjoni, l-Ispport u l-Kultura).	Ex-Membru tal-Gvern u involut f'attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
62.	Mangwana, Paul Munyaradzi	Ministru tal-Istat għall-Indiġenizzazzjoni u l-Emanċipazzjoni, imwieled fl-10.8.1961.	Membru tal-Gvern u involut f'attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
63.	Manyonda, Kenneth Vhundukai	Ex-Viċi Ministru tal-Industrija u l-Kummerċ Internazzjonali, imwieled fl-10.8.1934.	Ex-membru tal-Gvern b'rabtiet attwali.
64.	Marumahoko, Reuben	Viċi Ministru għall-Affarijiet Barranin (ex-Viċi Ministru għall-Intern), imwieled fl-4.4.1948.	Membru tal-Gvern u involut f'attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
65.	Mashava, G.	Kurunell, Chiredzi Central.	Direttament involut fil-kampanja ta' terror li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet.
66.	Masuku, Angeline	Gvernatur Provinċjali: Matabeleland South (Segretarju għall-Persuni b'Diżabbiltà u l-Iżvantaġġati tal-Politburo taz-ZANU-PF), imwiela fl-14.10.1936.	Rabtiet mal-Gvern u b'responsabbiltà wiesgħa għal vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem.
67.	Matanyaire, Munyaradzi	Uffiċjal Kap Eżekuttiv taz-Zimbabwe Inter-Africa News Agency.	Rabtiet mal-Gvern u involut f'attivitajiet li jimminaw serjament il-libertà tal-espressjoni u x-xandir.
68.	Mathema, Cain Ginyilitshe Ndabazekhaya	Gvernatur Provinċjali: Bulawayo.	Rabtiet mal-Gvern u b'responsabbiltà wiesgħa għal vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem.
69.	Mathuthu, Thokozile	Gvernatur Provinċjali: Matabeleland North u Deputat Segretarju għat-Trasport u l-Ħarsien Soċjali tal-Politburo taz-ZANU-PF.	Rabtiet mal-Gvern u b'responsabbiltà wiesgħa għal vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem.
70.	Matiza, Joel Biggie	Viċi Ministru għall-Akkomodazzjoni Rurali u l-Faċilitajiet Soċjali, imwieled fis-17.8.1960.	Membru tal-Gvern u involut f'attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
71.	Matonga, Brighton	Viċi Ministru tal-Infommazzjoni u l-Pubbliċità, imwieled fl-1969.	Membru tal-Gvern u involut f'attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
72.	Mavhaire, Dzikamai	Membru tal-Kumitat tal-Politburo taz-ZANU-PF.	Membru tal-politburo b'rabtiet sodi mal-Gvern u mal-politika tal-Gvern.
73.	Mbiriri, Partson	Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Gvernijiet Lokali, ix-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Iżvilupp Urban.	Membru tal-Gvern u involut f'attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
74.	Mhandu, Cairo (magħruf ukoll bħala Kairo)	Maġġur fl-Armata Nazzjonali taz-Zimbabwe.	Direttament involut fil-kampanja ta' terror li seħħet qabel u wara l-elezzjonijiet.
75.	Mhonda, Fidellis	Kurunell, Rushinga.	Direttament involut fil-kampanja ta' terror li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet.
76.	Midzi, Amos Bernard (Mugenva)	Ex-Ministru tal-Minjieri u l-Iżvilupp tal-Minjieri (ex-Ministru tal-Enerġija u l-Iżvilupp tal-Enerġija), imwieled fl-04.7.1952.	Ex-membru tal-Gvern u involut f'attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.

▼ B

	Isem (u psewdonomi)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
77.	Mnangagwa, Emmerson Dambudzo	Ministru tal-Akkomodazzjoni Rurali u l-Faċilitajiet Soċjali (ex-Speaker tal-Parlament), imwieled fil-15.9.1946.	Membru tal-Gvern u involut f'attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
